MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 1696/1998/1

**Francis Grixti**

**Vs**

**Mark Cardona**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm381) rappresentanti din is-somma danni kkagunati mill-konvenut stante incident awtomobilisitku li sehh bejniethom fi Triq Il-Wied, Zurrieq, fis-6 ta'Gunju 1998 fis-2.10pm meta l-konvenut bil-vettura tal-marka Nissan Vanette bin-numru ta' registrazzjoni JAK 381, b'imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, hareg wrong-side u baqa diehel fil-vettura tal-

klijent tal-attur li kien qed isuq Mercedes bin-numru JTY 124 (Dok A).

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument markat Dok A anness mal-istess avviz a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 5 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.
2. Illi l-incident awtomobilistiku indikat fl-avviz bl-ismijiet premessi sehh unikament tort tal-attur, stante li l-kawza tal-incident kien is-sewqan negligenti u l-kundizzjoni hazina tal-karozza tal-attur stess.
3. Illi l-konvenut kien tiela’ it-tela’ ta’ Triq Wied iz-Zurrieq u kien qed issuq fuq in-naha tieghu tat-triq meta f’daqqa fuq il-karreggjata tal-istess konvenut giet il-karozza tal-attur bil-konsegwenza li sehh l-incident imsemmi.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mix-xhieda ta’ PS 570 Joseph Cilia (fol 11 et seq ibid) u mill-kopja tal-<u>iskizz</u> u tar-<u>rapport</u> redatti minnu (fol 13 u fol 14 rispettivament), ghandu jigi nnotat li l-kollisjoni, in kwistjoni grat f’<u>liwja</u> fit-triq li taghti miz-Zurrieq lejn Wied iz-Zurrieq. Involuti fl-istess incident kien hemm taxi numru JTY 124 misjuq mill-attur u vettura numru JAK 381 misjuqa mill-konvenut. In rigward l-istess triq din hi ghan-nizla fis-sens illi l-istess taxi kien qed jinsaq ghan-nizla waqt li l-vettura l-ohra, li kienet van kienet qed tinsaq fid-direzzjoni opposta, ghat-telgha. L-istess xhud semma’ li

ma setax jistabilixxi l-‘spot of impact’ bejn l-istess vetturi u li ma hemmx impengija fuq l-istess triq, il-linja medjana. Dwar l-istess skizz, ghandu jigi rilevat illi, mir-roti ta’ quddiem tat-taxi, kien hemm marki ta’ brake twal 7.5 metri. Inoltre dwar il-hsarat konsegwenzjali, deskritti fl-istess rapport (fol 15) bhala hlief, dawn kienu jinvolvu in-naha ta’ quddiem tal-lemin tat-taxi u n-naha l-lemin minn nofs lejn wara tal-van. Dwar il-versjonijiet rispettivi moghtija lix-xhud mis-sewwieqa involuti (fol 15 ibid) l-attur kien stqarr illi kien qed jsuq, ghan-nizla u lentament hafna, meta wasal fil-liwja, hu kien ra l-vettura l-ohra tiela’ t-telgha u fuq in-naha hazina tal-istess triq (‘wrong side’) u meta ra dan, hu ghafas il-brake izda it-taxi misjuq minnu ‘skidded’ u habat man-naha tal-lemin tal-van. Da parti tal-konvenut, gie sostnut minnu (fol 15 ibid) illi kien ra t-taxi niezel meta wasal fl-istess liwja u dan, wara li ghafas il-brake, skidded u habat mal-van misjuq minnu.

Ikkunsidrat

Illi meta xehed l-attur (fol 23 et seq ibid) dan fis-sustanza, ikkonferma dak li kien stqarr lill-Pulizija. Fl-istess waqt hu asserixxa illi kien qed jsuq ‘on the left side of the road’ ossija mal-bankina ‘waqt li lill-iehor, kien rah jigbed ‘…lejn ix-xellug….’. Inoltre iz-zewg vetturi involuti kienu qed jinsaqu bil-mod. Ghalhekk mill-premess jidher li l-attur qed jallega illi l-konvenut kien qed jsuq il-van uzat minnu ‘on the improper side of the road’.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 76 et seq ibid) jsostni illi l-van tieghu kellu l-magna ma tiffunzjonax tajjeb, kif spjegat fix-xhieda tieghu u ghalhekk kien qed jsuq bil-mod ghat-telgha (kemm kemm niccaqlaq). Kif wasal fil-bidu tal-liwja ossija ‘dawra’, ‘… mid-direzzjoni opposta giet Mercedes u laqtitni fuq in-naha tieghi (tal-lemin) mill-bieba tax-xufier lura’. Hu kompla biex jghid illi “… kont il-boghod minn naha tax-xellug tieghi fejn hemm il-bankina, kemm kemm ma nhokkx it-‘tyres tieghi tax-xellug ma l-istess bankina.’.

Ikkunsidrat

Illi dan hu wiehed mill-kazijiet fejn il-Qorti hi rinfaccjata b'zewg versonijiet tal-fatti konfliggenti bejniethom. Ghalhekk l-istess Qorti rat jekk hemmx xi prova indipendenti u li fuqha tista' tistrieh sabiex tara jekk l-attur iprova li l-incident in esami gara minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut. Dwar dan il-punt dejjem ghandha ssir referenza ghall-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-obbligi tal-prova ta' fatt li dejjem jispetta lil min jallegah.

Illi fil-kaz in desamina l-unici provi ta' din il-kwalita huma l-imsemmi skizz kif ukoll il-hsarat kagunati fuq iz-zewg vetturi u kif hemm fuq deskritti. Mill-esami u analisi ta' dawn iz-zewg elementi ta' prova, ma jidhirx li gie pruvat illi l-konvenut kien, b'xi mod anke fuq livell ta' kontributorjeta responsabbli ghal dan l-incident. Difatti fuq l-iskizz jidher illi l-vettura misjuqa mill-konvenut tinsab fuq 'the proper side of the road' waqt li l-hsarat kif murija fuq l-istess skizz bl-ebda mod ma jindikaw illi l-istess konvenut kien qed jsuq fuq in-naha hazina tat-triq. Dwar dan l-incident, il-Qorti hi tal-fehma u opinjoni, bazata fuq dawn l-provi, illi dan l-incident gie kagunat mill-fatt illi t-taxi kien qed jinsaq ghan-nizla u kif wasal fil-liwja in kwistjoni, probabilment qaleb xi ftit lejn ix-xellug, oltrepassa il-liwja medjana immaginarja anke jekk bi ftit u laqat il-vettura l-ohra.

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------